



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7841/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0169(COD)

CODEC 360
ENV 223
SAN 151
CONSOM 80
AGRI 126
PE 18

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEGALI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew, (Brussell, it-13 sas-16 ta' Mejju 2020)

I. VOT

Fit-13 ta' Mejju 2020, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa mehmuż ma' din in-nota.

¹ ST 15301/19 REV 2.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294 (7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (15301/2/2019 – C9-0107/2020 – 2018/0169(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15301/2/2019 – C9-0107/2020),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Diċembru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0337),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0098/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

¹ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 94.

² ĠU C 86, 7.3.2019, p. 353.

³ Testi adottati, 12.2.2019, P8_TA(2019)0071.

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IL-MIKROPLASTIĊI

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-fatt li l-mikroplastiċi huma sustanzi ta' tħassib emerġenti fir-rigward tal-kwalità tal-ilma. Fid-dawl ta' dan, u meta jitqies li din hija kwistjoni ġenerali mhux limitata għall-ilma rkuprat biss, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tkompli bl-isforzi tagħha biex tindirizza ulterjorment din il-kwistjoni importanti.
